Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    a. Minuti 25/7 – 24 t'April 2014
    b. Minuti 26/7 – 15 ta' Mejju 2014
    c. Minuti 27/7 – 05 ta' Ġunju 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi-Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti

4. Jum il-Gudja 2014

5. Xogħlijiet u Progress:-
    a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
    b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni
    c. Live Streaming
    d. Skema inizjattivi speċjali

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1. <u>Approvazzjoni ta' minuti:-</u>**

**<u>a. Minuti 25/7 – 24 t'April 2014</u>**

**<u>b. Minuti 26/7 – 15 ta' Mejju 2014</u>**

**<u>c. Minuti 27/7 – 05 ta' Ġunju 2014</u>**

1.1.0 Approvazzjoni

1.1.1 Il-minuti tal-laqgħa 25/7 tal-24 ta' April 2014 u l-minuti tal-laqgħa 26/7 tal-15 ta' Mejju 2014 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-minuti tal-laqgħa 27/7 tal-05 ta' Ġunju 2014 li wkoll ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa jinsabu pendenti u sejrin jiġu wkoll preżentati għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss sakemm din il-laqgħa ma tkunx waħda msejħa b'urġenza.

1.1.3 Il-minuti tal-laqgħa 25/7 tal-24 ta' April 2014 ġew approvati nem con.

1.1.4 Korrezzjoni tal-minuti 26/7 tal-laqgħa tal-15 ta' Mejju 2014.

Tema 2.2.2.a.ii - Għandu jiġi kjarifikat li l-playstation tkun dik 'portable' u għalhekk il-kelma għandha taqra 'playstation portable'.

Il-minuti tal-laqgħa 26/7 tal-15 ta' Mejju 2014 ġew approvati nem con wara din il-korrezzjoni kif fuq imsemmija.

1.2.0 Punti li tqajmu mill-minuti

1.2.1 Isem ta' triq għal Victor Passmore. Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino staqsa dwar il-progress tal-isem ta' din it-triq. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba lill-istreet naming Committee fi ħdan il-Ministeru tal-Infrastruttura u Xogħlijiet u li għanda qed tiġi konsiderata iżda hemm ħjiel li din it-talba sejra tiġi milqugħa.

1.2.2 Kors tat-TCTC. Il-Kunsillier is-Sur Caruana qal li jekk hemm xi ħaġa aħjar ta' tagħrif li jinkiseb aktar milli jinkiseb mill-Wikipedia, il-Kunsill għandu jitlobha u mhux sempliċiment jaċċetta dak li offra l-pakkett tat-TCTC. Il-Kunsill ġie nfurmat li sejjer iressaq din it-talba lit-TCTC u r-risposta tiġi wkoll ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha tal-Kunsill.

## 2.0 <u>Kommunikazzjonijiet</u>

2.1.0 Sindku

2.1.1 Toqob għall-arbli tal-festi. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Rennie Scicluna f'isem il-Parroċċa sabiex isiru diversi toqob u għalhekk huwa kien sejjer ikollu laqgħa fuq il-post mas-Sur Scicluna sabiex jiġi diskuss l-utilità u l-użu tal-ħofor tal-arbli kemm ta' dawk li diġa jeżistu kif ukoll ta' dawk ġodda sabiex fejn ikun possibli jiġu wkoll irranġati xi inkonvenjent li jeżistu u t-toqob ikunu utili iżda mingħajr ma jinħoloq xi forma ta' inkonvenjent jew diżgwid.

2.1.2 Rimi ta' xaħx fl-iskip tal-iskart domestiku fi Triq San Ġorġ, il-Gudja. Is-Sindku qal li ġie nfurmat li minn vettura li tagħha huwa għandu n-numru ġie mormi skart li mhux supost jintrema fl-iskip. Is-Sindku qal li kien sejjer jieħu l-każ għand il-Pulizija u dan jiġi trattat mal-Ispettur sabiex jittieħdu passi skont kif ikun meħtieġ.

2.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Skip fi Triq Joseph Gravina, il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li din l-iskip sejra terġa tiġi f'dan il-post peress li kien hemm talba ġenerali dwar dan.

b. Skips imkissra. Is-Sur Baldacchino qa li kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar diversi skips imkissra u li jinħtieġa jinbidlu jew jiġu msewwija sewwa.

c. Qtugħ ta' ħaxix f'diversi toroq fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar il-ħtieġa li jkun hemm servizz ta' tindif tat-toroq aħjar u dwar li l-ħaxix fit-toroq għandu jinqata' b'mod sistematiku għax fil-preżent hemm toroq li fihom ħaxix ħażin li qed jagħti dehra kera u jkerrah l-ambjent. Il-Kunsill qabel li sakemm il-kuntrattur ma jagħmilx ix-xogħol meħtieġ il-Kunsill għandu jżomm il-pagamenti.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Youths Decide Act – attività fil-11 ta' Lulju 2014. Is-Sur Sammut qal li flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ u l-gruppi taż-żgħażagħ kienu qed jaħdem sabiex jittella' programm sabiex iż-żgħażagħ jersqu aktar lejn il-Kunsill u b'hekk tinħoloq aktar ħidma billi jkun hemm enerġija pożittiva u ż-żgħażagħ juru x'jixtiequ mill-Kunsill u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-Gudja.

F'din l-attività sportivita tal-11 ta' Lulju 2014 sejjer ikun hemm abseiling, areail rope way u basketball.

Attivitajiet oħra se jsiru fit-02 u fit-23 t'Awwissu u fit-08 u fit-13 ta' Settembru 2014 (Prog 'A' anness mal-minuti).

Is-Sur Sammut qal li dwar dan il-programm Youths Decide Act kemm huwa kif ukoll l-Ambaxxatriċi Ms. Bugeja u l-membri l-oħra tal-grupp kineu qed jaħdmu mal-Aġenzija Zgħazagħ sabiex kemm jista' jkun tinkiseb sinerġija u r-riżorsi meħtieġa sabiex dan il-proġett ikun suċċess bl-anqas finanzjament minn naħa tal-Kunsill.

Is-Sur Sammut qal li qed jiġi ppjanat li ssir konferenza stampa nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 2014 u jekk ikun possibli din issir fil-Palazz ta' Bettina fejn jiġu mistiedna l-Kunsilliera kollha, mistednin distinti, żgħażagħ li jkunu mlew l-kwestjonarju kif ukoll il-medja sabiex tagħti promozzjoni xierqa ta' dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill Lokali l-Gudja fil-qasam taż-żgħażagħ.

Ms. Bugeja kkonfermat li hija kienet qed taħdem flimkien mas-Sur Sammut sabiex il-Kunsill jikseb l-akbar suċċess fil-qasam taż-żgħażagħ kemm fuq livell lokali kif ukoll livell nazzjonali u li l-qasam sportiv huwa wieħed mill-aħjar mezzi li jista' jintuża sabiex iressaq iż-żgħażagħ lejn il-Kunsill.

Il-Kunsill approva dwar dak li qalu kemm is-Sur Sammut kif ukoll Ms. Bugeja. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-attività tal-11 ta' Lulju 2014 tkun ukoll parti mill-programm tal-attivitajiet fil-programm ta' Jum il-Gudja li jiġi ċelebrat fil-15 ta' Lulju 2014.

b. Demelsa Grech

i. Attività edukattiva – 03 t'Awwissu 2014. Ms. Grech qalet li għaż-żmien tas-Sajf tkun ħaġa sewwa li l-Kunsill jorganizza dawra fil-portijiet fuq il-vapur Captain Morgan u waqt din id-dawra jigi spjegat l-importanza u storja ta' dawn il-

portijiet u dan iservi ta' tagħrif u tagħlim kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal li jiġu bżonn dan it-tagħlim waqt il-lezzjonijiet tagħhom fl-istudju soċjali u studju ta' l-istorja Maltija.

Ms. Grech issuġerit li din il-ħarġa edukattiva ssir fit-03 ta' Awwissu 2014 bil-vapur Captain Morgan. Dawra ta' xi siegħa u nofs bil-prezz ta' €8.00 għall-adulti u €6.00 għat-tfal. Dan il-vjaġġ sejjer ikun bil-gwida li tispjega dwar dak li jkun hemm fil-madwar u sehem tagħhom fl-istorja ta' Malta. Ikun hemm te/kafe, xi ftit ikel ieħor ħafif għal waqt il-vjaġġ. Il-Kunsill jipprovdi t-trasport. Il-Kunsill approva dwar dak li qalet Ms. Grech.

ii. Attività konġunta mal-Kunsill Malti tal-Ktieb. Ms. Grech qalet li hemm opportunità li l-Kunsill Malti tal-Ktieb jagħmel attività ġewwa l-Gudja li tkun kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonai u dan jagħmel gieħ lill-Gudja. Ġie ssuġerit li dan l-attività ssir nhar il-Ġimgħa 22 t'Awwissu 2014 filgħaxija ġewwa Ġnien Raymond Caruana. Fost l-attivitajeit oħra li fihom ikun jista jipparteċipa l-pubbliku sejjer ikun hemm story telling u wieħed ikun jista jiltaqa' ma' diversi awturi maltin.

Din l-attività mhux sejra tinvolvi ħruġ ta' finanzi mill-Kunsill ħlief għal xi forma ta' promozzjoni u li l-Kunsill jagħmel Ġnien R. Caruana disponibbli xi dwal għal din l-okkażjoni. Il-Kunsill approva dwar dak li qalet Ms. Grech.

iii. Laqgħa mal-Pulizija – Drug Squad. Ms. Grech qalet li xtaqet tkun taf meta qegħdin issiru dawn il-laqgħa għaliex fil-fehma tagħha l-Kunsillieri kollha għandhom ikunu nfurmati dwar dawn il-laqgħat sabiex ukoll jattendi kif ikun mixtieq.

Is-Sindku wieġeb li minħabba n-natura delikata ta' dawn il-laqgħat wieħed għandu jkun diskrett iżda huwa kien sejjer jinofmra lill-Kunsillieri kollha kif apprena tiġi iffissata d-data li jmiss mal-Pulizija dwar dan is-suġġett.

c. Stefan Caruana

i. Lejla Nostalġika – 08 ta' Lulju 2014 – Mużika u wirja ta' arti. Is-Sur Caruana ta tagħrif dwar din l-attività u ppreżenta wkoll il-poster li fih id-dettalji u li qed jiġi bħala parti integrali minn dawn il-minuti mmarkat Dok SC1. Din l-attività sejra tkun fil-Ġnien R. Caruana kif ukoll fil-bini tal-Iskola Primarja. Is-Sur Sammut qal li l-Wasteserv talbu sabiex jagħmlu stand u promozzjoni sabiex jagħtu pubbliċità tal-ħidma tagħhom. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Caruana u qabel ukoll li din l-attività tat-08 ta' Lulju tkun ukoll parti mill-programm tal-attivitajiet fil-programm ta' Jum il-Gudja 2014.

ii. Master Classes – 10 ta' Lulju 2014. Is-Sur Caruana qal li mużiċisti ta' livell għoli offrew li jagħtu master classes speċjalment liż-żgħażagħ tal-Gudja u dan ikompli jżid fil-ħidma tal-Kunsill fil-qasam tal-arti u l-mużika. Il-parteċipazzjoni tal-Kunsill hija li jipprovdi l-lok sabiex issiru dawn il-master classes. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Caruana.

iii. Rappreżentazzjoni 'Peprina' mill-grupp 'Mtarfa Drama Group' fit-23 ta' Lulju 2014 – Ħ'Attard. Is-Sur Caruana qal li xtaq jinforma lill-Kunsill dwar din l-attività li fil-fehma tiegħu hija ta' interess u divertiment tajjeb għat-tfal. Il-prezz sejjer ikun dak nominali ta' €2.00. Is-sehem tal-Kunsill ikun dak li jagħmel promozzjoni ġewwa l-Gudja u jipprovdi t-trasport. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Caruana.

iv. Programm ta' "L-Erba' Staġuni". Is-Sur Caruana qal li dan il-programm sejjer ikompli fit-08 ta' Novembru 2014.

*Chamber Music Society Malta*
*with*
*The Gudja Local Council*
*Presents.....*
*Music History and Listening*
*Performance Series*
*The Medieval/Renaissance Era*
*Sat. Nov. 8th 7:30pm - Bir Miftuh Chapel, Gudja*
*The Baroque Era*
*Sun. Nov. 9th 6:00pm – Bir Miftuh Chapel, Gudja*
*The Classical Era*
*Sun. Nov. 16th 6:00pm - Palazz Bettina, Gudja*
*The Romantic Era*
*Sun. Nov. 23rd 6:00pm – Ta'Loretu Chapel, Gudja*
*The Modern Era*
*Sun. Nov. 30th – 6:00pm – Primary School Hall, Gudja*

***Sospenzjoni tal-Agenda***

Peress li kien qiegħed jidher li kien qed issir il-ħin u li kien hemm xogħol ieħor importanti tal-Kunsill li kellu jiġi diskuss, is-Sindku ppropona lill-kunsillieri kollha preżenti u qablu li l-Agenda tiġi posposta u fl-aġġornament jiġu diskussi dawn it-temi kif sejjer jingħad.

**7.0 <u>Finanzi</u>**

7.1 Petty Cash. Il-Petty Cash għax-xahar ta' April u Mejju 2014 bl-ammont ta' €25.69 u €47.17 rispettivament ġew approvati.

7.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti nru 13/7 għax-xahar ta' Mejju 2014 għas-somma ta' €87352.08 ġiet approvata nem con.

7.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Ara tema 8.6 aktar l'isfel.

**8.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>**

8.1 Ftehim ta' Public Private Partnership mal-Gudja FC. Il-Kunsill wera x-xewqa li l-ftehim mal-Gudja FC jiġi osservat u li l-Kunsill ikun infurmat sewwa dwar il-ħinijiet li qed issir użu minn dan il-ftehim u li tingħata aktar pubbliċità qalb l-għaqdiet u l-Gudjani kollha sabiex dan il-ftehim li jinvolvi fih finanzjament tal-Kunsill ikun ta' benefiċju għal Gudjani kollha.

8.2 Programm ta' Jum il-Gudja 2014 – Ħarġa soċjali għal Għawdex. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din sejra ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2014. Prezz għall-adulti €15.00, anzjani €10.00 u tfal €7.00, li jinkludi trasport kollhu (kemm dak ta' Malta u dak ta' Għawdex u tal-vapur), kif ukoll l-ikel. Il-Kunsill apporva dwar dak li qal is-Sindku.

8.3 Servizz ta' banda għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qalli minħabba limitazzjoni ta' finanzi l-ħlas ta' kull każin għas-servizz ta' banda jkun dak ta' €300.00. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sindku.

8.4 Baġit għal Jum il-Gudja 2014. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jimxi ma' dak kif stipulat fil-memo dwar dan is-suġġett u jiġu wkoll osservati l-punti li tqajmu mill-Awdituri dwar dan is-suġġett.

8.5 Community work mill-inmates tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku qal li minħabba limitazzjoni tal-Kunsill dwar it-traposrt huwa kien qed jitlob sabiex id-diriġenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordina jipprovdu t-trasport huma kif ikun meħtieġ.

8.6 Xiri ta' bollards. Is-Sindku qal li peress li xi bollards ġew imkissra u ma jistgħux jissewwew hemm il-ħtieġa li jinxtraw żewġ bollards ġodda u jitpoġġew fil-postijiet meħtieġa.

8.7 Parking bay fi Triq il-Palma, Gudja. Il-Kunsill ra l-ħtieġa u qabel li l-kaxxa s-safra quddiem id-dar bin-numru 17 isir reserved parking għal persuni li għandhom il-blue sticker.

8.8 Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq San Ċiru katuniera ma' Triq Bettina, il-Gudja PA01891/14. Il-Kunsill sar jaf li kien hemm talba sabiex dan il-permess jiġi mġedded u qabel li f'dan l-istadju għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li xogħol issa ilu wieqaf għal diversi snin u li barra minn inkonvenjnet hemm ukoll periklu peress li Triq San Ċiru djieqet bla bankina kif ukoll iċ-ċint fi Triq Bettina jista' jaqa' u jagħmel ħsara kbira. Ġie osservat li ma hemmx notice kif tistipula l-liġi/MEPA anke dwar is-sigurtà u l-ħarsin fuq siti tal-bini.

8.9 Memo inizjattivi speċjali. Il-Kunsill approva x-xiri ta' apparat meħtieġ sabiex ikompli itejjeb il-faċilitajiet offruti fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim Matul il-Ħajja u dan għas-somma ta' €5360.00 li minnha sejjer jirċievi għas-somma ta' €5000.00, skont l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill fis-sena 2012.

8.10 Memo lokalitajiet żgħar. Il-Kunsill approva li jsiru x-xogħlijiet ta' attrezzaenti fi trejqiet ġol-kampanja għas-somma ta' €5000.00 liema soma sejra tiġi iffinanzjata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont kif il-Kunsill kien applika fis-sena 2011.

8.11 Il-Kunsill ikkonferma ix-xiri ta' apparat ta' servizz dwar il-Live Streaming iżda qabel li fil-preżent din l-istallazzjoni ma tistax ssir peress li l-Kunsill qed joppera f'post b'mod temporanju.

***Aġġornament***

Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa giet aġġornata fid-9.00pm mis-Sindku bi qbil mal-Kunsillieri kollha preżenti għal nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju 2014 sabiex tkompli fuq l-Agenda kif diġa ċirkulata.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku